SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 19/K9/20

Data tal-laqgħa: 11 ta' Ġunju 2020

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' permezz ta' video conference minħabba s-sitwazzjoni preżenti u għalhekk il-membri ingħataw l-aċċess għal programm ta *video conferences* fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Patricia Camilleri - Kunsilliera
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (2)**

Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Il-Kunsillier Sean Gauci

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Skrivana

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

19.1.01 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli u l-Kunsillier Sean Gauci talbu li jiġu skużati għal-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**19.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

19.2.02 Intalbet li ssir korrezzjoni ta' 18.3.15 – tinbidel ghal Pjazza Spinola.

19.2.03 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 18/K9/20

19.2.03 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ssekondatu fl-approvazzjoni tal-Minuti 18/K9/20

19.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

19.2.05 Il-Kunsilier Guido Dalli staqsa dwar id-dawl tal-monument ta' Ġuże Tantiid-dawl tal-pritz ghadu ma sarx. Is-Segretarju nfurmaħ li bħalissa għaddej l-proċess biex jitwaħħal meter ġdid.

19.2.06 Il-Kunsillier Martin John Sultana qajjem il-punti dwar 10.2.08.06 – dwar il-bus shelter li kellu jsir. Iċ-Ċermen infurmaħ li kienet qed issir applikazzjoni ġdida għax dik li kellna kienet imwaqqfa. Huwa staqsa dwar punt 18.4.01 – dwar it-twaħħil tas-slielem, is-Segretarju infurmah li s-slielem kważi kollha imwaħħlin però baqa tnejn x'jeħlu.

19.2.07 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul staqsa dwar punt 18.4.02 fir-rigward ta' Triq Diodorus Siculus dwar ir-rapport li kellu jsir. Is-Segretarju nfurmaħ li ir-rapport għadu ma ġiex mgħoddi lilha huwa ser ikun qiegħed jerġa jkellem lill-Perit. Filwaqt li fi Triq il-Qaliet quddiem Dukkara Flats kellha issir applikazzjoni biex terġa teħel il-bozza li kien hemm.

19.2.08 Tqajjem il-punt dwar 18.2.02 rigward Triq Bonavita il-Kunsill ġie nfurmat li din saret u ser ikunu qed isiru r-road markings. Irċivejna ittra b'avukat dwar il-bus shelters, din il-materja qeda għand l-

avukat tal-Kunsill. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li min-naħa tagħna bagħtna lill-AKL sabiex jiprovdulna kopja tal-kuntratt li kien sar bejn l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u l-Faces.

19.2.09 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill dwar il-proġett tal-Open Gym f' Xatt is-Sajjieda, huwa qal li l-Perit kien lesta stima ta' l-ispejjeż tal-equipment u x-xogħolijiet li jridu jsiru biex jiġi installat dan l-equipment. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-kunsilliera li l-Kunsill ma jistax jibqa' joħloq iktar proġetti għaliex dawn qed ifissru spejjeż kbar għal Kunsill meta l-Kunsill mhux qiegħed f'pożżizjoni finanzjarja li jippermetti li jsiru dawn il-proġetti kollha anke għal vista ta' li fond tal-ippjanar niġu rimborsati biss 70% u ma jinkludux spejjez anċillari bħal ħlas lill-perit, ħlas għal-preparazzjoni ta' dokumenti u testijiet fost l-oħrajn. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni wkoll li dawn l-ispejjeż imsemmija jsiru anke jekk il-proġett ma jiġiex approvat jew ma jsirx.

19.2.10 Il-Kunsillier John Agius qajjem il-punt 18.5.08 fir-rigward l-advertising bollards. Is-Segretarju nfurmaħ li kienu bdew jinqalgħu dawk li kien hemm żejda.

## 19.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen

19.3.01 Love Monument – l-MTA laqgħu t-talba tagħna biex jitranġa. Dawn ix-xogħolijiet ser ikunu qed jibdew minn nhar it-Tnejn li ġej.

19.3.02 Fis-17 ta' Ġunju 2020 ser issir laqgħa mal-Onor. Clifton Grima dwar il-Kumpless ġewwa Ta' Ġiorni.

19.3.03 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li beda ix-xogħol f'Xatt is-Sajjieda fuq il-barrier.

19.3.04 Iċ-Ċermen informa lill-membri li l-Kunsill ta' Tas-Sliema flimkien mal-Kunsill tal-Gzira ser jipproponu *bye-law* dwar ticketing Booth huwa issuġġerixxa u kien hemm qbil li l-Kunsill tagħna jidħol ġo din il-*bye-law* u jestendiha għall-*promenade* sal-Palazz ta' Spinola.

19.3.05 Il-Kunsillier Martin Sultana talab li jsir *rat treatment* fi Triq Andre' Marouis.

19.3.06 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul informa lill-Kunsill li xi residenti kienu qed jirrestawraw l-istatwa tal-Madonna f' Ta' Ġiorni u għalhekk talab lill-kuntrattur tal-Kunsill inaddaf iż-żona fejn hemm din l-istatwa.

## 19.4 Ġbir ta' Skart Extra;

19.4.01 Saret diskussjoni dwar il-ġbir ta’ l-iskart. Issemmew diversi punti dwar kif nistgħu ntejbu is-sistema tal-ġbir ta’ l-iskart u kien hemm qbil unanimu li minħabba li konsiderazzjoni ta’ finanzi jsir biss ġabra żejda nhar ta’ Erbgħa wara nofsinhar għal-borża s-sewda f’ċerti żoni fil-lokalita’.

**19.5 Talbiet żgħar;**

**19.5.01 Email dwar Funds Opportunity Knocks – Ok Projects – Local Council (Inc. 12199/20);**

19.5.01.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din titela’ fuq facebook.

**19.5.02 Email dwar talba għal imwejjed u siġġijiet (Inc. 12205/20);**

19.5.02.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jtiħx permess.

**19.5.03 Email dwar talba għall-imwejjed u siġġijiet – Wagamama (Inc. 12216/20 & 12511/20);**

19.5.03.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li jpoġġu l-imwejjed u siġġijiet dan importanti li għal waqt dan il-perjodu tal-pandemija. Il-permess ser ikun qiegħed jingħata għal waqt il-perjodu tas-sajf.

**19.5.04 Email dwar Active Ageing opportunity (Inc. 12248/20)**

19.5.04.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill jiltaqa’ magħhom.

**19.5.05 Email dwar Pender Gardens (Inc. 12257/20);**

19.5.05.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**19.5.06 Email dwar il-Każin Banda San Ġiljan (Inc. 12259/20);**

19.5.06.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni marbuta ma’ ċertu kundizzjonijiet.

**19.5.07 Email dwar Request for Parking Authorization (Inc. 12277/20);**

19.5.07.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ntuħ post fejn il-banis biex jopera kiri ta’ apparat ta’ l-isports akwatiku.

**19.5.08 Email dwar mosquito and flying insects (Inc. 12281/20);**

19.5.08.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż l-Kunsill ma japplikax.

**19.6.09 Email dwar talba għal drive in event (Inc. 12192/20)**

19.6.09.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nkellmuha.

**19.6.10 Email dwar talba għall-unloading bay fi Triq il-Kbira (Inc. 12326/20 & 12347/20);**

19.6.10.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din ma ssirx.

**19.6.11 Email dwar Ċirk AKL 2020/063 – Ġbir ta’ skart riċiklabbli (Inc. 12366/20 & Inc. 12582/20 & 12369/20);**

19.6.11.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jaċċettax.

**19.6.12 Email dwar outdoor tables (Inc. 12413/20);**

19.6.12.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jaqbilx.

**19.6.13 Email dwar talba għall-unloading bay fi Triq il-Qalb Imqaddsa (Inc. 12492/20);**

19.6.13.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jaqbilx li din issir minħabba li diġà għandu unloading bay.

**19.6.14 Email dwar Mycouncil (Inc. 12507/20);**

19.6.14.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li s-Segretarju jiltaqa’ miegħu u jġib kwotazzjonijiet u din terġa tiġi diskussa meta jkollna l-kwotazzjonijiet f’idejna.

**19.6.15 Korrispondenza dwar il-Wifi4EU.**

19.6.15.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill, fejn konna ssotomettejna applikazzjoni ġdida.

**19.6.16 Kwotazzjonijiet dwar il-mini van għax-xhur tas-sajf. (Inc. 12626/20 & Inc. 12625/20);**

19.6.16.01 Is-Segretarju ppreżenta kwotazzjonijiet dwar il-mini van għax-xhur tas-sajf biex isir servizz bejn Ta’ Ġiorni u Spinola. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tintagħażel il-kwotazzjoni tal-ALM peress li hija l-aktar offerta vantaġġuża. Il-van ser ikun qiegħed jitlaq mill-Balluta fid-9.30p.m. u l-11.30p.m.

**19.6.17 Talba mingħand is-Sinjura Marilyn Demanuele dwar talba għal-carrier break. (Inc. 12624/20);**

19.6.17.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**19.6.18 Email dwar tags tal-barriers fil-lokalita'**

19.6.18.01 Il-Kunsill kellu talba mingħand l-Active Enterprises sabiex il-U-Shapped barriers li kellu mwaħħla fi Triq Santu Wistin jiġu re-allokati fi Triq Margurite Mangion u dawk li kemm fejn il-Love Monument jiġu re-allokati b'mod ordinat fi Pjazza Ġuże Tanti.

**19.6.19 Email mingħand il-Local Government dwar Projects funded by EU Funds.**

19.6.19.01 Din inġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**19.6.20 Email mingħand Soċjeta Mużikali Spinola dwar talba għall-attivita'.**

19.6.20.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

**19.6.21 Email dwar talba għall-Zumba ġewwa San Ġiljan.**

19.6.21.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li din issir u l-Kunsill ser jorganizza s-setup tal-post. Din l-attivita' għanda issir ġewwa Xatt is-Sajjieda.

**19.6.22 Diskussjoni dwar Ċirk AKL 2020/049 – Kilometri ta' spazji pubbliċi b'rotot għall-l-mixi, ċikliżmu u spazji miftuħa għar-residenti żgħar u kbar fil-lokalitajiet tagħna.**

19.6.22.02 Saret diskussjoni dwar proposta mill-AKL dwar egħluq ta' toroq għat-traffiku. Filwaqt li saret diskussjoni dwar jekk għandniex nidħlu fl-iskema, jekk il-Kunsill jista' b'mod finanzjarju jidħol għall-ispejjeż u jekk kienx ser isir rapport mingħand perit tat-traffiku u wara li dan jiġi kkumissjonat min ser jagħmel tajjeb għall-ispejjeż. Għalhekk il-Kunsill qabel li qabel il-Kunsill jagħmel l-istudju jara li ser ikun koperat finanzjarjament umbgħad terġa tiġi għal-konsiderazzjoni tal-Kunsill fejn tittieħed deċiżjoni finali.

**19.7 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

19.7.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5109 sa 5127 (Ara Appendiċi 'A')

19.7.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**19.8 Skeda tal-Pagamenti**

19.8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B')

19.8.02 Il-Kunsillier Guido Dalli ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

19.8.03 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula ssekondaħ fl-approvazzjoni tagħhom.

**19.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

19.9.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju 2020 fil-5.00p.m.

19.9.02 Il-laqgħa ntemmet fit-8.40p.m.

**IFFIRMATI,**

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 13 ta' Lulju 2020